



0098/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-diskriminazzjoni fl-isport

Santiago Fisas Ayxelà (PPE), Marc Tarabella (S&D), Virginie Rozière (S&D), Hannu Takkula (ALDE), Bogdan Brunon Wenta (PPE), Esteban González Pons (PPE), Rosa Estaràs Ferragut (PPE), Teresa Jiménez-Becerril Barrio (PPE), Carlos Iturgaiz (PPE), Hugues Bayet (S&D), Ivo Belet (PPE), Soraya Post (S&D), Ernest Urtasun (Verts/ALE), José Blanco López (S&D), Jordi Sebastià (Verts/ALE)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar id-diskriminazzjoni fl-isport¹

1. L-isport huwa għodda siewja fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà, bħalma huma l-ġlieda kontra l-vjolenza verbali u dik fiżika, u kontra l-imġiba diskriminatorja.
2. Il-każ tar-referee Jesús Tomillero sfortunatament ifakkarna li l-omofobija hija omnipreżenti fl-isport, kemm kontra l-atleti kif ukoll bejniethom.
3. L-isport għandu jisboq id-differenzi u jippermetti lil kulħadd jagħti l-aqwa tiegħu, irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali.
4. It-Trattat ta' Lisbona introduċa klawżola orizzontali li tobbliga lill-Unjoni f'kull kuntest tiġġieled id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' ġeneru, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.
5. Il-Kummissjoni hija għaldaqstant mitluba:
 - tkegħġeg lill-Istati Membri biex, b'mod permanenti, jinkludu l-isport fil-programmi u s-servizzi bil-għan li jkun hemm integrazzjoni reali tal-gruppi kollha li jinsabu friskju ta' diskriminazzjoni u titlob lill-organizzazzjonijiet sportivi biex jadottaw programmi xierqa ta' taħriġ għall-ħaddiema u l-voluntiera għall-prevenzjoni fil-qasam fil-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni jew razziżmu;
 - timpenja ruħha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill, l-Istati Membri u l-korpi nazzjonali li jirregolaw l-isport, li tindirizza kull tip ta' diskriminazzjoni, inklużi r-razziżmu, il-fobija tal-ġeneru, l-omofobija u t-transfobija.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.